# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru: 1135/2019MH**

**Illum, 15 ta' Diċembru 2021**

**Ismijiet:**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**VS**

**David Owen Hynes (Passaport Irlandiz numru PA4359237) u Mandy Connaughton Hynes (Passaport Irlandiz Numru R78992)**

**Il-Qorti:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-kumpanija HSBC Bank Malta p.l.c. -**

**Tesponi bir-rispett u l-Av. Dr Ralph Agius Fernandez (ID Nru 565688 M) in rappreżentanza tal-kumpanija esponenti, kif debitament awtorizzat, bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti, li hu jaf bihom minn dokumenti miżmuma fi ħdan l-istess kumpanija:**

1. *Illi in forza ta' kuntratt tad-9 ta' Lulju 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Ħili, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenuti David Owen Hynes u Mandy Connaughton Hynes solidalment bejniethom konsistenti f'self, u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata l-24 ta' April 2007 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);*

2. *Illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenuti David Owen Hynes u Mandy Connaughton Hynes huma għalhekk debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, seba' mija, sitta u sebgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€127,776.88), dovuta in kwantu għal mija u erbat elf, mitejn u disgħa u sittin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€104,269.33) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti tlieta u għoxrin elf, ħames mija u seba' Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€23,507.55) bħala imgħax ikkalkulat sal-4 ta' Ottubru 2019, kif jirrizulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 16098015 immarkat Dok. C, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-5 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu l-arretrati dovuti minnhom, anki permezz ta' ħames ittri datati s-6 ta' Awwissu 2012, il-21 ta' Frar 2013, il-14 ta' Marzu 2014, it-3 ta' Novembru 2015 u s-26 ta' Jannar 2016, (annessi bħala Dok D sa Dok H) baqgħu inadempjenti;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara li l-istess konvenuti iddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv u għaldaqstant is-somma kollha mid-dejn li għadha ma tħallsitx lura lill-Bank esponenti saret restitwibbli minnufih;*

*(ii) Tiddikjara konsegwentement li l-konvenuti David Owen Hynes u Mandy Connaughton Hynes huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma dovuta fuq il-kont bin-numru 16098015 kif fuq spjegat;*

*(iii) Tawtorizza lill-bank attur sabiex jgħaddi għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kreditu li jirriżulta ċert u likwidu mill-kuntratt tad-9 ta' Lulju 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili, u li jirriżulta dovut wara li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimati ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu, bl-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq il-bilanċ addebitu bil-kont numru 16098015 mid-data tal-preżentata ta' dina l-kawża sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat li b'nota tat-22 Lulju, 2021 ir-rikorrenti informa lill-Qorti bid-dokumenti li kien irċeva fir-rigward tan-notifika tal-konvenuti nnifishom u dan ai terminu tar-Regolament Numru 1393/2007 tal-Unjoni Ewropeja.[1] Konsegwentement il-Qorti anke irrevokat il-ħatra tal-kuraturi deputati.[2]

Rat għalhekk lill-konvenuti debitament notifikati baqgħu kontumaċi.

Rat l-affidavit ta' Alexia Caruana għal Bank attur[3]. Minn hemm jirriżulta illi l-intimati huma debituri għall-bilanċ ta' mija u erba' t'elef, mittejn u disgħa u sittin

[1] Folio 124-127 Dok SA1
[2] Digriet 13/09/2021
[3] Dok AC folio 132

Ewro u tlieta u tletin ċentezmu (€104, 269.33) rappreżentanti kapital u erbgħa u għoxrin elf, tlett mija  u tmienja u għoxrin ewro u sebgħa u sittin centeżmu (€24,328.67) rappreżentanti interessi ikkalkulati sas-27 ta' Novembru, 2019 barra imgħaxijiet li baqgħu jiddekorru. Ġie esebit ukoll kopja ta' l-istatement aġġornat Dok AC1[4]

Konsegwentement il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet attriċi  u:

(i) Tiddikjara li l-istess konvenuti iddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess *sanction letter* u tal-kuntratt ta' self relattiv u għaldaqstant is-somma kollha mid-dejn  li għadha ma tħasslitx lura lill-Bank esponenti saret restitwibbli minnufih;

(ii) Tiddikjara konsegwentement li l-konvenuti David Owen Hynes u Mandy Connaughton Hynes huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma dovuta fuq il-kont bin-numru 16098015  kif fuq spjegat u ċioe mija u erba' t'elef, mittejn u disgħa u sittin Ewro u tlieta u tletin ċentezmu (€104,269.33) rappreżentanti kapital u erbgħa u għoxrin elf, tlett mija  u tmienja u għoxrin ewro u sebgħa u sittin centeżmu (€24,328.67) rappreżentanti interessi ikkalkulati sas-27 ta' Novembru, 2019 barra imgħaxijiet li baqgħu jiddekorru;

(iii) Tawtorizza lill-bank attur sabiex jgħaddi għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kreditu li jirriżulta ċert u likwidu mill-kuntratt tad-9 ta' Lulju 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili, u li jirriżulta dovut wara li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimati ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu, bl-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq il-bilanċ addebitu bil-kont numru 16098015  mid-data tal-preżentata ta' dina l-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

[4] Folio 133-136

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**